**Dikjarazzjoni guramentata fis-seduta tal-PAC tad-9 ta' Jannar 2017**

Onor. Membri,

In vista li din hija l-ewwel darba li ser inkun qed nikkumenta fil-pubbliku fuq dan ir-rapport fuq dan is-suggett, huwa dover tieghi, apparti li nhoss li hu fl-interess pubbliku, li naghmel is-segwenti rimarki. Ghax in-numru ta' tghawwig ta' veritajiet, gideb, habi ta' fatti fuq dak li sab l-NAO u insinwazzjonijiet u l-kongetturi li intqalu fuq dan il-kaz, minn sezzjoni wahdanija ta' media u politici, ta' tfigh ta' tajn huma kbar wisq biex ma nikkoregihomx.

Inghatajt il-hatra ta' Segretarju Parlamentari f'Marzu 2008, responsabbli fost ohrajn ghall-Artijiet, fil-Ministeru tal-Finanzi. Iktar tard, f'Jannar 2012 inhtart Ministru b'diversi responsabilitajiet, inkluz l-Artijiet.

Matul il-hatra tieghi, kont nircievi medja ta' 150 emails kuljum relatati max-xoghol tieghi. L-emails li kont nircievi jew nibghat kienu kollha fuq l-**uniku** email li jien qatt kelli matul dawk il-hames snin, cjoe dak tal-Gvern. Email privat la qatt kelli u lanqas kelli ghalfejn ikolli, ghax qatt ma kelli xejn x'nahbi jew x'nisthi minn xogholi u allura ghalhekk hu minn ewl id-dinja li politiku juza' l-email governattiv biex zgur ikun hemm tracca ta' ghemilu. Min hu fdat bl-amministrazzjoni pubblika u juza' email privat jaghmel dan biss ghax ghandu x'jahbi u ma jridx li jkun hemm tracci ta' ghemilu, kif hemm llum Ministri u oghla li dan ghadhom jaghmluh.

It-tieni punt: kien ikolli ghexieren kbar ta' laqghat fil-gimgha fil-Ministeru u niltaqa' fil-kostitwenza ma' medja ta' 60 persuna fil-gimgha. Ghal KULL laqgha li kelli, kienet ma' min kienet, DEJJEM kelli mieghi, ghax hekk ridt sa mill-ewwel gurnata, ufficjali ohra tal-Ministeru jew tas-Segretarjat biex ikunu xhieda. Nahseb hu ovvju hafna li hu perikoluz u mhux accettabbli li Ministru u l-Prim Ministru stess

responsibli mill-Artijiet, kif gara wara Marzu 2013, jiltaqa' wahdu ma' individwi fuq xoghol relatat mal-Artijiet.

Fuq dan il-kaz, apparti l-minuti li jirrizultaw mill-file tal-GPD, jien QATT ma rcevejt emails jew ittri jew komunikazzjioni b'ebda mod bejn Marzu 2008 u Marzu 2013 matul l-inkarigu teghi. Minghand hadd. U dwar dan il-kaz, jien QATT ma kelli ebda laqgha, formali jew informali, ma' hadd hlief dik li l-Awditur Generali jaghmel referenza ghaliha fir-rapport tieghu u li dwarha nikkumenta dalwaqt. Nista' nghid li matul it-*tenure* tieghi kien hemm min ha ghalih hafna, u hassu offiz ghax jien irrifjutajt li niltaqa' mieghu meta kien hemm proceduri legali pendenti jew vicin li jittiehdu u li kienu jinvolvu d-Dipartiment tal-Artijiet.

Inkompli fuq is-suggett mertu quddiem dan il-Kumitat.

Sar hafna *song and dance* b'certu intenzjonijiet hziena minn uhud mill-Membri ta' dan il-Kumitat fuq il-famuz "meeting" li jien kont sejjaht. Inghatat l-impressjoni bil-qerq li din kienet xi laqgha imsejha apposta ghal dan il-kaz biss.

Il-fatti huma dawn: minn meta inhtart Segretarju Parlamentari f'Marzu 2008 sa Jannar 2013, meta bdiet il-kampanja elettorali, jien kont inzomm *weekly meetings* fil-Ministeru mal-ufficjali gholja tal-Government Property Division.

Kien ikun hemm diversi items fuq l-agenda. Jew biex ninfurmahom b'decizjoni li l-Cabinet ikun ha li tkun tinvolvi l-GPD, inkella biex jitolbu d-direzzjoni jew awtorizzazzjoni tieghi fuq diversi problemi li jkun hemm relatati mad-Dipartimenti koncernati, inkella biex naraw kif ser nagixxu biex nindirizzaw issues kumplessi, bhal per ez. l-eluf ta' familji li sa mill-1981 kienu qed jirrisjedu fi djar taht konvenju (u kburi li fi zmieni ghall-ewwel darba bdew jigu indirizzati dawn il-kazijiet sa mill-1981 u mijiet ta' familji saru sidien ta' djarhom), jew bhal meta sirna nafu li mijiet ta' familji f'certu postijiet irrizulta li kienu bnew fuq art li mhijiex taghhom minhabba zbalji notarili li saru fis-snin sebghin f'San Pawl il-Bahar, jew biex nibdew il-process massic ta' digitisation

tal-ghexieren ta' eluf ta' files tal-GPD u li twaqqaf wara l-2013, jew biex inkun aggornat dwar statistika, jew biex iniedu skemi ecc ecc.

Ghal dawn il-laqghat gieli kien ikun hemm d-Direttur Generali flimkien mad-Diretturi l-ohra kollha, gieli kien ikun hemm ukoll il-Kap tas-Segretarjat tieghi ghall-follow ups li jkun hemm bzonn, u minn meta inhtart Ministru f'Jannar 2012 u allura ghall-ewwel darba kelli Segretarju Permanenti mieghi, kont nitolbu jattendi huwa wkoll jekk ikun hemm items li ser ikunu jinvolvuh. Sfortunatement sakemm sirt Ministru fl-2012, ma kienx ikun possibbli li s-Segretarju Permamenti tal-Ministeru tal-Finanzi, jattendi minhabba l-impenji tieghu izda kien attenda ghal laqghat li tghoddhom fuq subghajk ta' id wahda fejn kien tassew essenzjali li jkun prezenti.

Mela l-famuza laqgha li ghalih saret referenza ghaliha fir-Rapport u minn uhud mill-Membri hawnhekk kienet wahda minn dawn il-laqghat u l-item imsemmi kien wiehed **biss** minn hafna items ohra, kif kien jigri kwazi f'kull *weekly meeting.*

M'hemmx ghalfejn nghid li ebda individwu li mhux ufficjal pubbliku qatt ma kien prezenti ghal xi wahda minn dawn il-laqghat. Ebda individwu, ebda avukat, ebda perit, ebda rapprezentant ta' individwu. Dawn kienu jkunu laqghat ta' kull gimgha (li jekk inkun, per ez., imsiefer, kienet issir il-gimgha ta' wara) fejn issues amministrattivi li jikkoncernaw il-Government Property Division kienu jigu diskussi.

F'dik il-laqgha msemmija u wahdanija tieghi fuq dan is-suggett mal-GPD jien kont infurmat ghall-ewwel darba mill-ufficjali tal-GPD bl-issue mertu ta' dan il-kaz. Dan kif jirrizulta wkoll mill-minuti li hemm fil-file tal-GPD u mill-emails li l-NAO seta' jara ghax peress li kont nuza' l-email tal-Gvern, mhux xi email privat, hemm *audit trail* li ma tistax tezisti jekk politiku, kif jaghmel per ez., il-Prim Ministru prezenti, juza' email privat ghal xoghol ufficjali.

Jien la f'dik il-laqgha, u lanqas wara, **ma kont** infurmat li kien hemm kawzi fil-Qorti fuq din l-art.

Jien l-ewwel darba li sirt naf li kien hemm tali kawzi kien meta iltqajt mal-NAO biex jintervistawni wara li beda jahdem fuq dan ir-Rapport. Kemm dan hu veru jirrizulta mir-rapport tal-NAO li f'pagna 96 jghid li kien hemm ZEWG files **differenti** fuq il-proprjeta ta' 83, Spinola Road: wiehed tal-Joint Office u iehor dwar il-kawzi fil-Qorti dwar il-foreshore li kien f'file tal-Lands Dept. "*with no reference to both issues made in any of the files*". Fil-fatt, fuq domanda tal-On Abela fis-seduta tal-10 t'Ottubru li ghadda, l-NAO ghamilha cara li MHUX veru li kieku l-Ministru (jien) qara l-file kien ser jara dik is-sentenza ghax *"il-file tal-qorti u l-file ta' 83, Spinola Road huma zewg files separati, jigifieri meta xi hadd jurik il-file biex jirreferilek il-problema tac-cens li skada u din il-problema kollha li qeghdin niddiskutu, m'intix ser tkun taf li hemm kaz il-qorti dwar il-foreshore*".

Jekk issaqsini jekk kelliex inkun infurmat mill-GPD li kien hemm kawza fil-Qorti dwar din il-propjeta, inwiegeb: daz-zgur li iva, li kelli nkun infurmat.

Jekk issaqsini jekk kellhiex inkun infurmat mill-GPD li b'rizultat tal-Ftehim bejn il-Knisja u l-iStat Malti tal-1992 l-introjtu ghall-Gvern mill-bejgh ta' din il-proprjeta kien ser ikun €35 (issa rrizulta li kien iktar fil-fatt) bil-kumplament tal-prezz ta' €525,000 imur ghall-Fondazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja, inwiegeb: daz-zgur li iva, li kelli inkun infurmat.

Imma l-fatt hu li ma kontx! Minn meta 'l hawn politiku jsir responsabbli u hati u insulentat ghal dak li ma kienx jaf ghax ma qalulux?!

Issa hawn niftah parantezi zghira fuq il-hafna *song and dance* li sar dwar l-introjtu lill-Gvern ta' €35 (li issa rrizulta mix-xhieda tas-CEO tal-Lands Authority li huma hafna iktar, imma dan mhux importanti ghal dan l-argument li gej) li dahal ghand il-Gvern minn *transaction* ta' €525,000:-

Apparti li hu u kien dizonest min fl-ahhar gimghat welled il-gidba u ta *spin* qarrieqi li l-prezz tal-art kien ta' €35 biss, meta fil-fatt kien ta' €525,000, naghmilha cara li Ministru li jimxi, kif imxejt jien, mal-

Ftehim tal-Knisja u l-iStat Malti tal-1992 ikun qed jimxi mal-Ligi ghax il-Ftehim hu LIGI ghalina.

Minn meta 'l hawn Ministru jew politiku li jimxi mal-Ligi, mhux li jikser il-Ligi, imma li jimxi maghha, jigi insultentat, denigrat, mghajjar u mzeblah? Din x'razza ta' politika hi?

Minn meta 'l hawn nikkritikaw Ministru, kif kont jien f'dan il-kaz, li anke jekk tassew ma kellux l-informazzjoni kollha moghtija lilu kif fil-fatt ighid ir-Rapport tal-NAO (u dan nikkundannah ghax lili u lill-Ministru Fenech misshom qalulna u infurmawna b'kollox) bid-decizjoni li jkun approva, kif ghamilt jien, jkun fil-fatt ghen lit-tfal u studenti taghna li jattendu l-iskejjel tal-Knisja, kif kont nattendi jien, ghax il-flus mill-bejgh ta' din il-proprjeta marru ghall-Fondazzjonu tal-Iskejjel tal-Knisja SKOND il-Ligi?!

X'interess ghandu u kellu min, inkluz Membri Parlamentari, meta jaf li l-flus mill-prezz tal-bejgh (€525,000) marru ghall-iskejjel tal-Knisja, jahbi dan il-fatt u jimplika u jinsinwa li l-flus marru fil-but ta' xi hadd privat u terz?

Insaqsi: l-On. Membri Parlamentari kollha ta' dan il-Kumitat huma jew m'humiex kollha favur li l-iStat Malti jghin lill-iskejjel tal-Knisja? Hemm xi hadd minnhom li kieku jista' din l-ghajnuna ma' tinghatax? Hemm xi hadd minnhom li jishet is-siegha u l-mument li l-Gvern Malti jaghti flus ghall-iskejjel tal-Knisja? Ha nibdew nghidu li l-flus li l-Gvern jaghti ghall-iskejjel tal-Knisja permezz tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti ghandhom jonqsu jew jieqfu?

Dikjarat dan, ninnota li tlift il-kont ta' drabi li fir-rapport tieghu l-NAO jghid li kien imhasseb ferm mhux biss ghax il-Ministru tieghi dak iz-zmien, il-Ministru Fenech, u jien, ma konniex infurmati bil-fatti KOLLHA pertinenti li influwenzaw id-decizjoni mehuda ghall-bejgh, izda li sahansitra l-Kummissarju tal-Artijiet lil NAO qalilom li: "*there existed no obligation to inform the Minister MFEI or the PS Revenues and Lands of the full details of the case*" (para 2.5.39, pagna 47). Mhux biss. Izda f'pagna 49 tar-Rapport (para 2.6.2) jintqal li l-Kummissarju

tal-Artijiet lanqas lit-Tender Committee tal-GPD ma kien tah l-informazzjoni shiha u kompluta, liema fatt incida fuq x'gara wara. M'hemmx ghalfejn nghid li l-ufficjali tal-GPD in kwistjoni ma kienux mahtura minni, ma kienux *positions of trust*, ma kienux mahtura minn ebda politiku, izda kienu ilhom snin kbar ufficjali tas-Servizz Pubbliku.

On Membri:

Ninnota li dan hu **l-ewwel u l-uniku** rapport tal-NAO mahrug mill-2013 'l hawn, halli b'hekk nindirizza l-kummenti sarkastici li tlissnu mill-On Abela biex minghalih jpoggini fl-istess keffa ta' Ministri Laburisti li gew ikkastigati mill-NAO mill-2013 'l hawn, li jghid li l-Ministru koncernat (anzi, jien u l-Ministru Fenech) t-tnejn li ahna konna *MISLED*. L-Awditur Generali qal li jien (u l-Ministru Fenech, u t-Tender Committee u c-Chairperson tal-Arbitragg informali li tqabbad) gejt ZGWIDAT peress li ma inghatajtx l-informazzjoni kollha pertinenti.

Issa minn minkom, On Membri, ihoss u jemmen li politiku li jkun gie **zgwidat** bil-habi minn uhud fis-Servizz Pubbliku ta' informazzjoni li kellha tinghatalu, ghandu jgorr responsabbilita daqs u l-istess bhal dak il-politiku li jkun agixxa konsapevolment, bi pjan, bi hsieb, per ez, billi juza emails privati halli ma jinqabadx x'ikun kiteb jew billi jiltaqa' u jinnegozja deal ta' €4.2 miljuni mal-privat wahdu wahdu, jew billi jkun hemm "kolluzjoni" bejnu u l-privat halli l-privat jistghana minn fuq dahar il-Gvern, jew billi jkun ordna lil ta' tahtu biex jinxtara prodott minn Tizju flok minn Sempronju biex il-Gvern jispicca jitlef €14-il miljuni....tahsbu tassew li l-kazijiet huma l-istess?

Ftit punti li rrid naghmel qabel nikkonkludi.

Niehu nota li r-Rapport tal-NAO u x-xhieda quddiem dan il-Kumitat

1. Juru li l-gheruq u r-raguni tal-kumplessita (fi kliem l-istess NAO) ta' dan il-kaz huma zball f'kuntratt pubbliku li sar fl-1975, fejn minflok emfitewsi ta' 99 sena li beda fl-1897, ikkwotaw hazin

emfitewsi ta' 150 sena, zball li gie ripetutut imbaghad f'kuntratti pubblici tal-1975, 1981, 1986, u 1998 (*vide* Pg 74 Rapport)

2. juru li jien QATT ma qlibt la decizjonijiet u lanqas minuti maghmula lili, izda mxejt dejjem SKOND il-minuta li saritli.

3. Juru li kienet prassi (u nista' nghid li ilha prassi ghal dawn l-ahhar 35 sena zgur) li l-Lands jirregolarizza zvilupp fuq proprejeta tieghu b'permezz ta' bejgh tas-sit purche u sakemm ikun hemm il-permessi tal-ippjanar. Sija jien u l-Ministru Fenech hekk konna gejna infurmati dejjem mill-Lands u ninnota li hekk ikkonstata l-NAO fir-Rapport tieghu mix-xhieda li huwa kellem. Jigini f'rasi ezempju ta' kaz li f'San Pawl tat-Targa irrizulta, qabel l-2008, li xi nies kienu bnew mhux skond il-linja tat-triq u inghataw l-art b'bejgh wara tender. Ma tkeccewx, ma kienx hemm twaqqigh, izda stante li kien hemm permessi tal-MEPA, giet regolarrizata l-problema permezz ta' tender. Jigi f'rasi kaz iehor f'Ghajnsielem , vicin il-Belvedere, fejn intuzat l-istess procedura. Maghdud ma' dan inzid li bejn l-2008 u l-2013, sakemm jien kont responsabbli ghall-Artijiet, saru numru record ta' azzjonijiet ta' infurzar mill-Lands. Bizzejjed nghid li minn twegibiet tal-On Prim Ministru fl-ahhar legislatura ghall-Mistoqsijiet Parlamentari jirrizulta li l-medja tan-numru ta' azzjonijiet ta' infurzar mill-Lands illum li jsiru f'sitt xhur huwa daqs kemm kienu jsiru f'gimgha wahda bejn l-2008 u l-2013.

4. Juru li kienet prassi, u zgur prassi sa minn meta twaqqaf id-Dipartiment tal-Artijiet fl-1965, li kulmeta jkun hemm dizgwid fuq valur ta' art jew proprjeta bejn il-Lands u l-privat, dejjem tqabbad arbitragg informali fejn kull naha tinnomina perit taghha u c-Chairperson ikun nominat mill-Lands. Interessanti li sal-llum fil-Malta Arbitration Centre ma dahal **ebda** kaz minhabba nuqqas ta' qbil fuq stima ta' proprjeta tal-Gvern. Jigifieri mill-2013 'l hawn il-Lands qatt ma rrikorra ghand il-MAC fuq stima ta' proprjeta. Tajjeb jinghad ukoll li, fi kliem l-NAO quddiemkom: "*il-fatt jibqa' li qatt ma saret mistoqsija lill-Ministru jekk humiex se jmorru through the Malta Arbitration Centre jew inkella through informal arbitration*". Anzi, jaghmilha cara li d-decizjoni li jmorru ghal arbitragg informali

ittiehdet mill-GPD Tender Committee. Fl-ahharnett: fil-munuta 133 lili mill-Kummissarju tal-Artijiet (2010) fejn qed jintalab awtorizzazzjoni lill-Ministru Fenech biex isir arbitragg informali, u hija minuta dettaljata, ma hemm IMKIEN referenza ghal dak li kien qal it-tender dwar il-Malta Arbitration Centre. Imkien. Altru li la jien u lanqas il-Ministru Fenech ma stajna qatt inkunu nafu x'hemm fit-tender conditions.

5. Juru li jien dejjem imxejt l-istess, b'mod konsistenti mal-ufficjali tal-Lands, minghajr ebda pressjoni biex ninfluwenza b'xi mod xi decizjoni. Is-Segretarju Permanenti Paul Zahra xehed li matul dik is-sena li kien PS mieghi huwa qatt ma esperjenza xi pressjoni politika jew biex isir dak li mhux suppost. U dik hija l-verita ghax hekk dejjem imxejt fil-5 snin fl-Ezekuttiv: fejn ghandi naghti ordni, naghtiha bil-miktub u nhalli spazju u nirrispetta d-diskrezzjoni tas-Servizz Pubbliku. Fi kliem il-Permanent Secretary Paul Zahra fix-xhieda tieghu: "*jien ma kellix pressjoni la fuq dana l-kaz u fuq xi kaz iehor fil-hidma tieghi matul dik is-sena*". Is-Sur Zahra, wiehed mill-iktar ufficjali tas-Servizz Pubbliku ta' esperjenza li ghad ghandna ghax ghadu Permanent Secretary, qal li min naha tieghi dejjem ra l-atteggjament li kien jistenna minn Ministru, xejn inqas u xejn iktar, b'ebda indhil politiku. Wiegeb "kategorikament le, never" ghad-domanda li saritlu jekk hassx xi pressjoni min naha tieghi biex il-kaz ikun deciz mod u mhux iehor. Anzi spjega li l-iskop tal-uniku meeting li jien attendejt fuq dan il-kaz kien dan: "*kien hemm diskussjoni li kienet ilha ghaddejja snin dwar dan il-kaz u l-objettiv ta' dak il-meeting kien to try and reach a closure*". Iktar tard qal: "*Le ma nahsibx li xi hadd ha xi linja partikolari. Fis-sens li kien hemm options on the table, a big discussion fuq liema huma l-options, izda mhux li din jew din. Iman u n-nies tieghu kellhom imorru lura biex jigu bi proposti fattibbli.*"

6. Juru li dejjem imxejt SKOND ir-rakkomondazzjoni li tkun. saritli. Inkluz meta jien approvata minuta ghall-bejgh, liema minuta ghaddiet minghand il-Perm Sec Paul Zahra.

7. Il-Minuta li jien iffimajt giet ghandi *through* the Permanent Secretary Paul Zahra. Fi kliemu stess: "***Il-Minuta zgur li kienet qed tirrifletti (d-diskussjoni li kien hemm f'dak il-meeting) ghax kieku ma kontx nghaddih il-file.***." Dik hija c-chain of command fic-Civil, u li jien dejjem irrispettajt. Rakkomandazzjoni tigi mid-Dipartiment u tghaddi ghand il-Permanent Secretary li imbaghad huwa jghaddiha lill-Ministru. U jghaddiha mhux bhala formalita, imma ghax ikun qed jaqbel ma' dik il-minuta, ghax kieku ma jkunx qed jaqbel maghha ma jghaddiex il-file Ghand il-Ministru inkella jiktiblu li huwa mhux qed jaqbel.

8. Ninnota li mix-xhieda tal-NAO quddiem dan il-Kumitat fl-10 t'Ottubru li ghadda, l-NAO qal li minkejja li s-sentenza tat lill-Gvern id-dritt li jimponi li jwaqqa' l-proprjeta, pero l-Gvern kellu d-dritt li jaghzel li "**jsolvi**" dan il-kaz. Tant kemm hu hekk li fl-istess seduta, l-NAO qal: "*..kien parti minn Binja ikbar. Allura ma kienx jaghmel sens li l-Gvern jimponi li titwaqqa' parti minn Binja ikbar. Evidenti li ma kienetx taghmel sens, kemm ghall-GPD, kemm ghall-Gvern, kif ukoll ghall-kumpanija. Is-soluzzjoni li jidhlu f'negozjati kienet taghmel sens ghal zewg partijiet, kienet win-win*".

9. Ninnota li l-NAO stess jghid fis-seduta tal-10 'Ottubru li ghadda li l-ufficjali tal-GPD lili MA QALULHIEX specifikament li "*kienu ser jdahhlu €35*". U fi kliem l-istess NAO "*biex nghidu kollox, ir-responsabbilita li jiggwida lill-Ministru hija tal-ufficjal pubbliku*".

10. Ninnota li fuq domanda li saritlu, l-ex Kummissarju tal-Artijiet xehed li qatt ma kien hemm istanza fejn jien jew il-Ministru Fenech biddilna Minuta, jew baghtniha lura ghax ma naqblux maghha fuq dan il-kaz. Jien dejjem imxejt fuq il-parir tal-ufficjal pubbliku.

11. Ninnota li ma kienetx l-ewwel darba li l-Lands, **wara** li tkun inharget acceptance letter li tikkonferma l-figura, ma jibqax fuqha u jinfetah mekkanizmu differenti. Dan ikkonfermah l-ex Kummissarju tal-Artijiet fuq domanda li saritlu.

12. Ma nistax ma naghmilx paragun biex nifhmu ftit ezattament dak li intqal fuq il-valur tas-sit inkwistjoni. Dan hu kaz fuq art **footprint ta' 165 sq.m. biss li fl-2012 inbiegh mill-Lands ghal €525,000. Cioe, €3,181 ghal kull sq. m.** Is-sena li ghaddiet, bl-ekonomija tajba u prezzijiet tal-bini gholjin sew, art **footprint ta' 24,000 sq.m inbieghet mill-Gvern ghal €15-il miljun biss, fejn kien hemm l-ITS f'San Giljan**. Jigifieri inbieghet bi **€625 biss ghal kull sq.m.** Biex jinbnew torrijiet bi prezzijiet m'oghla s-sema. Xi On. Membri ta' dan il-Kumitat ghamlu hafna u hafna plejtu fuq il-prezz ta' €525,000 ghal art footprint ta' 165 sq.m. X'ser jghidu mela fuq l-art tal-ex ITS li bil-prezz tal-2010 (nirrepeti, tal-2010) kienet tiswa mizerjament €138 miljun. Anzi, <u>**jekk irridu nuzaw ir-riga tal-valutazzjoni uzata mill-NAO f'dan il-kaz per sq. m., insibu li s-sit tal-ex ITS kellu jinbiegh ghal €564 MILJUN u mhux €15-il miljun li inbiegh !!**</u>

Grazzi hafna

**Jason Azzopardi MP**